MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 416/1997/1

Michael Cassar
vs
Dipartiment tas-Sahha u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 1999 l-okkju gie korrett ghal Tabib Principali tal-Gvern bhala Kap tad-Dipartiment tas-Sahha u Social and Family Welfare li gie kjamat fir-rikors b'digriet tal-11 ta' Marzu 1999

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kif gej:-

Illi hu kien jattendi l-iskola specjali maghrufa bhala "Education Sub-normal peress li hu persuna bi bzonnijiet specjali, wara li kien temm il-kors tieghu fl-1981 hu kien gie mibghut jahdem ic-Centru Hidma Socjali biex ikompli jintegra ruhu fid-dinja tax-xoghol. Kemm ilu hemm hu ghamel xoghol ta' messaggier, telephone operator, kif ukoll xoghol ta' care worker kif suppost u bl-akbar responsabilita`.

Illi fis-sena 1991 hu kien applika ghal post ta' "Care Worker" xoghol li kien ilu jaghmel ghal diversi snin u kellu r-rekwiziti kollha mitluba biex japplika ghal din il-promozzjoni. Lanqas biss baghtu ghalih ghall-interview, hu kien rega applika ghal post ta' telefonista fis-sena 1992 xoghol li kien ilu jaghmel ghal diversi snin u xorta ma hax din il-promozzjoni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tinghata l-promozzjoni li haqqu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi preliminarjament rigward il-post ta' Care Worker, It-Tabib Principali tal-Gvern, ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi minn kif jidher fis-sejha ghall-applikazzjonijiet ta' Care Worker, is-sejha saret mill-Kummissjoni dwar is-servizz Pubbliku ghal mili ta' postijiet fid-Dipartiment tas-Social and Family Welfare u mhux fid-Dipartiment tas-Sahha.

Illi rigward is-sejha ghal postijiet ta' telefonist, it-Tabib Principali tal-Gvern ma hux legittimu kontradittur u gie mharrek inutilment stante illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet sabiex jimtlew postijiet vakanti mal-Gvern ssir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-Bord ta' l-ghazla huwa mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-eventwali hatriet ta' dawk maghzula mill-Bord ssir mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Di piu' tali procedura hija insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ra l-eccezzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja li eccepixxa:

Illi rigward il-post ta' Care Worker, l-intimat Direttur irrileva li r-rikorrent ma kienx meqjus eligibbli mill-Bord kostitwit ghall-ghazla ta' l-applikanti.

Fir-rigward tas-sejha ghall-postijiet ta' telefonista, l-intimat Direttur mhux legittimu kontradittur peress illi s-sejha ghall-applikazzjoni sabiex jimtlew il-postijiet in kwistjoni ma saritx mill-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit li qal hu kien attenda skola specjali peress li kien jaqa' fil-kategorija ta' nies bi bzonnijiet specjali. Qal li fl-1981 kien gie mibghut fic-Centru Hidma Socjali biex jahdem hemm bhala messagier u telephone operator. Fl-1991 harget sejha ghal care worker u lanqas biss baghtu ghalih. Qal ukoll li fl-1992 harget sejha ghall-post ta' telephonist fid-Dipartiment tas-

Sahha u ma giex moghti din il-promozzjoni. Qal li hu hass li saret ingustizzja mieghu.

Xehed Alfred Zammit Montebello li qal li r-rikorrent ilu jafu mindu kellu ghaxar snin u qal fi zmien li kien Direttur fid-Dipartiment tas-Social and Family Welfare kien ghamlu skema fejn nies li kienu registered disabled workers. Qal li ftakar lis-Sur Cassar ir-rikorrent kien hadem fic-Centru Hidma Socjali bhala scale A. Qal ukoll li jiftakar li kienet harget sejha ghall-promozzjonijiet ghal careworker. Skond ir-rekwiziti ta' din is-sejha kien necessarju jew school leaving certificate jew certifikat minghand id-Direttur li tkun ghamilt sentejn tahdem ma' nies disabled.

F'nota esebita fol 37 tal-process Frank Attard Senior Principal fid-Dipartiment tas-Sahha qal li rigward il-post ta' telefonista mad-Dipartiment tas-Sahha r-rizultat jindika car li dawk l-applikanti li ma gabux mill-inqas 20 marka fit-trade test ma jikkwalifikawx ghall-intervista. Semma fil-fatt ir-rikorrent gab 10 marki fit-trade test hekk kif jidher minn Dok A a fol 39 tal-process.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ghandu zewg aspetti u cioe` t-talba tieghu biex isir Care Worker diretta kontra d-Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja u l-ohra fuq il-post ta' telefonista diretta kontra t-Tabib Principali tal-Gvern. Dawn iridu jigu kunsidrati separatament.

Dwar l-ilment fuq il-post ta' Care Worker l-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja eccepixxa li l-applikant ma kienx eligibbli. Giet esebita c-cirkolari tal-applikazzjoni fol 3 et u xehed Alfred Zammit Montebello li rrefera ghar-rekwiziti mnizzlin fis-sejha ghall-applikazzjoni fejn applikant ried jew ikollu School Leaving Certificate jew inkella certifikat minghand id-Direttur li ghamel sentejn jahdem ma' disabled persons. Ma rrizultax li fil-fatt ir-rikorrent kellu tali kwalifiki u infatti ma kienx kunsidrat eligibbli mill-bord nominat ghal dan l-iskop. Peress li r-rikorrent ma gab ebda prova li fil-fatt kien eligibbli t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Familja.

It-tieni aspett tal-ilment huwa dwar il-post ta' telefonista fis-sena 1992. It-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-initmat Tabib Principali tal-Gvern li mhux legittimu kontradittur. Infatti l-Artikolu 181B jaghmilha cara li "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni." Dan ifisser li r-responsabbilta` tibqa' tat-Tabib Principali tal-Gvern. Hu eccepxxa wkoll l-insindakkabbilita` tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq il-bazi ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. It-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minnu fil-kawza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta' Mejju 1998 u ghall-istess raguni jichad din l-eccezzjoni. Jibqa' li wiehed jivverifika jekk l-ilment tar-rikorrent hux sostenibbli. Jinghad li r-rikorrent sostna li l-bord anqas biss baghat ghalih ghall-interview. Izda fil-fatt kien gie deciz li dawk l-applikanti li ma gabux 20 marka fit-trade test ma kienux jikkwalifikaw ghall-intervista u li fil-fatt skond kif jirrizulta a fol 39 tal-process ir-rikorrent kien gab 10 marki biss u ghalhekk ma setax joqghod ghall-interview. Ma ngabet ebda prova quddiem it-Tribunal li sar xi haga irregolari fit-trade test jew li fil-fatt ir-rikorrent kien haqqu aktar marki milli fil-fatt gab. Minhabba f' hekk it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------